MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2005

Talba Numru. 578/2004

**GasanMamo Insurance Limited hekk kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha ramon Borg sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Ramon Borg**
**vs**

**Denis Caruana.**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-16 ta Marzu 2004 fejn gie mitlub sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta tliet mija hamsa u erbghin lira u wiehed u sebghin centemzu (LM345.71) rapprezentanti danni kagonati f'incident stradali nhar is-7 ta April 2003 fi Triq Santa Katarina Attard bejn il-vettura numru GVN 038 misjuqa mill-konvenut u l-vettura numru DBH 449 misjuqa minn u proprjeta ta l-assikurat tas-socjeta attrici liema vettura kienet assikurata taht polza "comprehensive" mas-socjeta attrici u li ghaldaqstant ghamlet tajjeb ghad-danni kagunati fuq il-vettura tal-assikurat taghha liema ncident sehh unikament tort tal-konvenut minnhabba traskuragni,

mperizja u nuqqas ta osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.
L-ammont mitlub jinkludi is-somma ta hamsa u ghoxrin lira (Lm25) bhala excess mhallsa mill-assikurat tas-socjeta attrici cioe Ramon Borg a bazi tal-polza tieghu;
Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali tad-9 ta Dicembru 2003 u bl-imghax pagabbli mid-data tal-istess ittra ufficcjali sal-gurnata tal-pagament effettiv kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta prezentata mill-konvenut datata 19 ta April 2004 fejn minnflok ikkontesta formalment it-talba tal-atturi intavola talba kontra l-istess atturi biex jigu huma kkundannati mija u tnejn u ghoxrin lira u sebgha u disghin centezmu (Lm122.97) rapprezentanti d-danni kagonati fl-istess incident stradali u danna minnhabba tortijiet imputabbli lill-assikurat tas-socjeta attrici;

Ra n-Nota ta eccezzjonijiet prezentati mill-atturi datata 21 ta Gunju 2004 ghall-apparenti kontro-talba tal-konvenut fejn ikkontesta l-istess bil-mod segwenti:-
1) In-nullita tal-kontro-talba stante n-nuqqas ta nteress guridiku da parti tal-konvenut in vista tal-fatt li l-vettura misjuqa minnu hija proprjeta tal-Gvern ta Malta u mhux tieghu u kwindi ma jistax ikun li huwa sofra danni f'karozza lima hiex tieghu. Oltre dan l-istess proprjeta Gvern ta Malta ma hux parti f'dawn il-proceduri u kwindi ma setghet qatt giet intavolta ebda kontro-talba;
2) Illi fil-meritu l-atturi kkontestaw l-allegazzjoni ta responsabbilita attribwita lill-attur assikurat;
3) Gew riservati eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-provi mressqa mill-partijiet fosthom ix-xhieda ta l-attur Ramon Borg, id-dokumenti prezentati Dok Gm1.1 sa Dok GM1.13, l-affidavit tal-konvenut, PS 1122 Arthur Rizzo, u r-rapport u skizz minnu esebit u mahluf u l-kontro-ezami li sarlu u kif ukoll il-kontro-ezami tal-konvenut u ta l-attur Ramon Borg.

Ikkunsidra.

Illi ghalkemm il-konvent ma ghamilx risposta per se biex jikkontesta t-talba tal-atturi, l-fatt li ghamel xi forma ta kontro-talba, dan it-Tribunal ser iqisha bhala kontestazzjoni. Illi dwar il-kontro-talba tieghu pero ghanduj inghad li rrizulta bl-aktar mod car u ampju li l-vettura ma kienitx tappartjeni lill-istess konvenut izda lill-Gvern ta Malta. Ghalhekk kwalunkwe hsarat li setghu gew kagonati fl-istess vettura kienu sofferti minn sidha l-Gvern ta Malta u mhux mill-konvenut. In vista ta dan ghalhekk il-konvenut fil-persuna tieghu qatt ma setgha jaghmel talba (fil-kontro-talba) kontra l-attur biex jirreklama danni fuq vettura li ma hiex proprjeta tieghu. In vista ta dan l-eccezzjonijiet tal-atturi fil-konfront tal-kontro-talba ghandhom sejrin jigu milqugha u kwindi l-kontro-talba sejra tigi respinta;

Illi ghar-rigward it-talba tal-atturi u cioe jekk immorru fuq is-sustanza u meritu tal-kaz in ezami, hawn si tratta ta kollizjoni fejn jidher li qed jigi kontestat sia l-kwistjoni dwar responsabbilita u kif ukoll dik tal-kwantum tad-danni.
l-attur Ramon Borg jispjega illi l-habta bejn il-vettura tieghu u l-ambulanza sehhet meta huwa kien qed jaghmel surpass tal-istess ambulanza minn naha ta gewwa u dana peress li ighid li l-ambulanza kienet ghamlet manuvra lejn il-lemin (in-naha ta barra – tant li marret fuq il-karreggjata opposta) u hekk kif kien ghaddej minn hdejha kisret lura ghal fuq ix-xellug (fuq in-naha ta gewwa) u laqtitu. Borg jammetti li l-ambulanza kienet irrallentat kif qorbot il-grada tal-gemb tal-isptar ta Santa Katarina Attard u difatti huwa naqqas ukoll, pero l-konvenut ma ghamel ebda indikazzjoni (indicators) dwar l-intenzjoni tieghu. Dwar dan il-punt ta indicators tezisti divergenza bejn is-sewwieqa anzi Borg ighid li l-indicator rah jinxteghel addirittura wara l-kollizzjoni.
Fl-affidavit tieghu, l-konvenut Dennis Caruana jikkonferma bejn wiehed u iehor li l-incident sehh bl-istess mod kif deskritt mill-attur Borg bl-unika differenza pero li zied ighid li fil-fatt l-indicator tieghu kien mixghul biex jindika li kien diehel lejn il-grada tal-isptar u cioe ghal fuq ix-xellug tieghu.

Is-surgent PS1122 Arthur Rizzo li kien il-persuna li nvestiga l-incident in kwistjoni u hejja l-iskizz u rapport

relattiv jindika s-segwenti punti rilevanti ghal kaz odjern u cioe (a) id-distanza bejn il-hajt ta l-Isptar u l-linja medjana tat-trieq kienet biss dik ta erba metri, li tispjega allura il-ghala l-ambulanza kellha taghmel dik il-manuvra li tigbed il-barra qabel ma tippunta lejn il-grada tal-isptar oltre ghall-fatt li l-istess grada hija pjuttost dejqa. (b) Semma wkoll li l-attur kien qallu li l-indicator tal-ambulanza kienet inxteghelet biss wara l-incident minn terza persuna. (c) Ighid ukoll li t-trieq in kwistjoni ma tippermettix over taking fuq l-ebda naha taghha; (d) li ma kienx hemm brake marks u li (e) il-vettura tal-attur waqfet xi 15 il-metru l-boghod mill-punt tal-impatt.

Il-konvenut in kontro-ezami ighid illi qabel ma ghamel il-manuvra biex idur hares mill-mera tax-xellug u ghall-ewwel ma ra lil hadd gej pero appena kien beda jikser ra lill-vettura tal-attur gejja minn warajh sakemm ma regax rah, x’aktarx ghax qalghu minn gewwa. Ikompli jinsisti l-istess xhud li huwa kien fil-fatt xeghel l-indicator qabel ma ghamel l-imsemmija manuvra. Ighid ukoll li l-karreggjata in kwistjoni ma tippermettix zewg vetturi li jghaddu f’daqqa. Huwa cahad ukoll li b’ximod kien gibed wrong side qabel ma rega dawwar il-gewwa. Minn-naha l-ohra l-attur in kontro-ezami jghid li l-ambulanza fil-fatt tant kisret fuq il-karreggjata opposta li l-vettura tieghu setghet tghaddi facilment minn mal-gemb intern tal-ambulanza. Ighid ukolll-istess attur li meta rah l-ambulanza tirrallenta u tigbed il-barra meta wasal fejn il-gate, huwa kien boghod minnha xi karozza u nofs. Huwa ddecieda li jghhaddi minn naha ta gewwa ghaliex hass mill-manuvra tal-ambulanza li din kienet sejra tmur lejn il-lemin pero fl-istess hin jinsisti li ma ra ebda indicators mixghula.

Illi mill-assjem tal-provi prodotti ghandu jirrizulta li hlief ghal kwistjoni tal-indicator jekk kienx mixghul jew le ma hemmx wisq divergenza bejn iz-zewg verzjonijiet. Ta min josserva pero li l-attur li kien gej minn wara l-ambulanza ddecieda li jaghmel manuvra ta surpass minn naha ta gewwa tat-trieq. Illi ghalhekk l-istess attur mhux talli ma hax il-prekawzjonijiet kollha mehtiega qabel ma ghamel il-manuvra ta sorpass izda sahansitra s-sorpass sehh minn fuq in-naha l-hazina tat-trieq. Il-fatt li huwa jsostni li l-

ambulanza ma kellha ebda indicator mixghul, aktar jimmilita kontra tieghu stante li ma kellux ghalfejn jahseb li kien sejjer idur lejn il-lemin. Inoltre l-attur stess ighid li ra l-ambulanza tirrallenta qabel ma ghamlet il-manuvra u ghalhekk messu qghad aktar attent ghal x'manuvra kienet ser taghmel il-vettura ta quddiemu qabel ma jiddeciedi li jghaddiha minn naha ta gewwa taghha, manuvra tieghu li certament ma kinietx mistennija mis-sewwieq tal-ambulanza. Inoltre jinghad ukoll li d-djuqija tat-trieq li ma tippermettix zewg vetturi fejn xulxin, il-fatt li l-attur spicca 15 il-metru l-boghod mill-punt tal-impatt u l-fatt ta nuqqas ta brake marks ukoll jimmilita kontra l-istess attur fis-sens li huma ndikattivi wkoll ta sewqan negligenti u traskurat da parti tieghu jekk mhux addirittura ta speed eccessiv f'dik il-lokalita.

It-Tribunal ghalhekk jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jilqa l-eccezzjonijiet tal-atturi ghall-kontro-talba tal-konvenut u kwindi tirrespingi l-istess kontro-talba, fl-istess hin tirrespingi wkoll l-istess talba tal-atturi stante li qed tiddikjara li kien l-attur Ramon Borg unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni. Fic-cirkostanzi l-ispejjez kollha ta dina l-istanza ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------